**Sensiela ta' Nies Magħrufin Maltin – Enrico Mizzi (1885-1950)**




Fl-2001, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda "*Proof*" biex iweġġaħ il-ħajja ta' Enrico Mizzi, li l-popolarita' u l-personalita' tiegħu ħallew wirt li ma jitħassarx fil-politka Maltija fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

L-Arma tar-Repubblika ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2001 jidhru fuq il-wiċċ tal-munita. Fuq l-irġejjen jidhru l-isem u x-xbieha ta' Enrico Mizzi, flimkien mad-dati ta' twelidu u ta' mewtu (1885-1950), u l-kitba "Prim Ministru 1950" fuq il-lemin tan-naħa t'isfel tal-munita.

Enrico Mizzi, jew, kif kien jissejjaħ b'imħabba u b'popolarita', Nerik Mizzi, twieled fl-20 ta' Settembru 1885. Missieru, Fortunato Mizzi, kien politikant u patrijott ukoll. Billi hu kien trawwem f'ambjent politiku, inxteħet għall-politika wara li kien iggradwa fil-liġi fis-sena 1912, u fl-1915 tela' fil-Kunsill tal-Gvern bħala kandidat għal Għawdex.

Matul ħajtu, Enriku Mizzi ħadem ħafna sabiex iressaq 'il quddiem l-identita' nazzjonali Maltija. Billi fejn kienet tidħol il-kawża tan-nazzjonaliżmu hu kien jgħid sewwa sew dak li jħoss, ma damx ma nħass ta' theddida mill-Ingliżi, minkejja li hu qatt ma kien żlejali lejhom, u għalhekk, fl-1917, għaddewh qorti marzjali taħt ir-regolamenti tad-difiża matul il-gwerra.

Bejn l-1919 u l-1932 hu ħadem bla heda sabiex imexxi aktar 'il quddiem il-moviment nazzjonalista. Meta Malta ingħatat l-awtonomija parlamentari fl-1921, Mizzi waqqaf il-"Partito Democratico Nazionalista" u ġie elett fl-Assemblea Leġislattiva. Fl-1924 hu sar il-Ministru tal-Biedja u tal-Posta u fl-1932 inħatar l-ewwel, Ministru ta' l-Industrija u tal-Kummerċ, u mbagħad Ministru ta' l-Edukazzjoni. It-twemmin patrijottiku tiegħu issa reġa' beda jħasseb lill-Gvern Ingliż ta' matul it-Tieni Gwerra Dinjija u fl-1942 hu safa' internat u msiefer lejn l-Uganda, fejn kellu jibqa' sa ma ntemmet il-gwerra. Minħabba dan, Enrico Mizzi ma setax jieħu s-siġġu tiegħu fil-Kunsill tal-Gvern ta' dak iż-żmien.

Meta ġie lura mill-eżilju, u meta reġgħet ingħatat l-awtonomija parlamentari, Enrico Mizzi tqabad kemm felaħ sabiex jirbaħ lura l-qagħda politika tiegħu. Is-sens tiegħu ta' dedikazzjoni umli, l-onesta' u l-integrita' politika tiegħu fl-aħħar tħaqqu f'Settembru ta' l-1950 permezz ta' l-elezzjoni tiegħu għall-post għoli ta' Prim Ministru, post li hu kellu jokkupa biss għal tliet xhur, għaliex hu miet f'Diċembru ta' dik l-istess sena.

Il-munita tal-Fidda "Proof" kienet ta' valuta legali ta' Lm5 f'Malta mill-20 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Jannar 2008.

Id-disinn tal-munita hu xogħol l-artist Malti Noel Galea Bason. Il-munita kienet inħadmet mir-*Royal Mint* tar-Renju Unit b'dawn l-ispeċifikazzjonijiet:

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 2,000 |